**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 07/K8/15**

**Laqgħa numru 7 tal-Leġislatura Nru. 8**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 03/09/'15 385**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14 20**

## 7.01 Introduzzjoni

**7.01.01** Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 3 ta' Settembru 2015

**7.01.02** Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-5.00p.m.

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Karl Gouder | Sindku | KG | Preżenti |
| Guido Dalli | Viċi Sindku | GD | Preżenti |
| Martin John Sultana | Kunsillier | MJS | Preżenti |
| Dott. Albert Buttigieg | Kunsillier | AB | Preżenti |
| John Agius | Kunsillier | JA | Preżenti |
| Adrian Dominic Ellul | Kunsillier | ADE | Preżenti |
| Clayton Luke Mula | Kunsillier | CLM | Preżenti |
| Clayton Tanti Gregoraci | Kunsillier | CTG | Skużat (Inc. 5321/15) |
| Rita Dimech Portelli | Kunsilliera | RDP | Skużata (Inc. 5208/15) |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Iskrivana | CCF | Preżenti |

**7.01.03** Kien preżenti wkoll l-Ambaxxatur tal-Żgħażagħ is-Sur Brian Camilleri.

**7.01.04** Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

**7.01.05** Is-Sindku KG ippresieda l-laqgħa.

**7.01.06** Inqrat it-Talba.

**Aġenda**

**7.01.07** Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fis-27 t' Awwissu 2015. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
4. Update tal-Proġetti
5. *Storm Water Culverts*
6. Proġett *Supermarket* ta' Triq Scicluna
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
9. Aġġornament tal-laqgħa

## 7.1 Approvazzjoni ta' Minuti

**7.1.01** Is-Sindku ressaq il-Minuti 06/K8/15 għall-approvazzjoni.

**7.1.02** Il-Kunsill CLM ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

**7.1.03** Il-Viċi Sindku GD ssekondah.

**7.1.04** Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7.1.2 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

**7.1.2.01** Ma kienx hemm minuti tal-Kumitat Amministrattiv Paceville minħabba li għad trid issir il-laqgħa.

**7.2. Korrispondenza**

**7.2.01** Fuq il-mejda tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Korrispondenza**

**7.2.02** Il-Kunsillier ADE wasal fil-5.20p.m.

**7.2.03 Rif Nru. 4624**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward il-konfini bejn Pembroke u San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament lit-Triq Bla Isem li mill-ITS taghti ghall-Lights ta' Pembroke, il-parti ta' man-naha tal-Wied taqa' taht ir-responsabilita' ta' San Giljan min-nofs tat-triq filwaqt li l-parti l-ohra taqa' taht ir-responsabbilita' ta' Pembroke.

**7.2.04 Rif Nru. 4856**

Saret riferenza għat-talba mingħand l-*Autumn Assembly Reception Committee* rigward attivita' f' San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**7.2.05 Rif Nru. 4859**

Saret riferenza għall-email mingħand l-MEUSAC dwar sejħiet li ser joħorġu dalwaqt għal proġetti iffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ser jiċċekja fir-rigward din il-materja u f' każ li huwa ta' interess għall-Kunsill, il-Kunsill japplika.

**7.2.06 Rif Nru. 4927**

Il-Kunsill ġie nfurmat b' ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Helen Walker fejn iringrazzjat lill-Kunsill.

**7.2.07 Rif. Nru. 4930.**

Saret riferenza għat-talba mingħand il-Parroċċa San Ġiljan sabiex il-Kunsill joffri transport għall-Grupp tal-Ħbieberija. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipprovdi is-servizz tat-Transport.

**Rif. Nru. 4946 & K984**

**7.2.08** Saret riferenza għall-kwotazzjoni mingħand Lornit – Technology Company rigward il-Permit Management Systems. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li jinstalla din is-sistema.

**7.2.09** **Rif Nru. 4992**

B' riferenza għat-talba mingħand il-Kunsillier MS sabiex issir aktar sorveljanza permezz ta' aktar *patrol* mill-pulizija mal-madwar ta' Ta' Ġiorni, ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija u ssir laqgħa miegħu sabiex tiġi diskussa din il-materja.

**7.2.10** **Rif. Nru. 5071**

B' riferenza għall-email mingħand il-*Convenant of Mayors* rigward *Joint Ceremony*, ġie deċiż unanimament li ser jara aktar fid-dettal u f' każ li hija ta' interess jattendi.

**7.2.11** **Rif. Nru 5098**

Saret riferenza għall-email mingħand LK Ltd rigward reviżjoni ta' prezzijiet mill-istess tender. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ser isiru l-*workings* u din il-materja terġa tiġi diskussa.

**7.2.12** **Rif. Nru. 5148**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Perit Stephen Farrugia – MP & DC rigward Fattura Numru 3772/15. Wara

diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-ispjegazzjoni li ta' il-Perit tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill għal-gwida tiegħu.

**7.2.13 Rif Nru. 5208**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera RDP sabiex tkun skużata milli tattendi għall din il-laqgħa. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tiġi skużata.

**7.2.14 Rif Nru. 5209**

Saret riferenza għat-talba mingħand il-General Soft Drinks Co Ltd. sabiex tintrama stand quddiem il-McDonalds. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni iżda għandhom jingħataw xi *coupons* lill-Iscouts.

## 7.3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen

**7.3.01** Iċ-Ċermen irringrazzja lill-Kunsill fir-rigward is-sehem tal-Kunsilliera fil-Festa ta' San Giljan.

**7.3.02** Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Għaqdiet ta' San Ġiljan fir-rigward il-Festa ta' San Ġiljan.

**7.3.03** Tinbagħat ittra lill San Ġiljan Water Polo fir-rigward ir-rebħa tagħhom tal-League.

**7.3.04** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li fl-aħħar tax-xahar ser jingħalaq it-tender tal-*Live Streaming.*

## 7.4 *Update* tal-Proġetti

**7.4.01** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li madwar tlett ġimgħat oħra ser issir il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Għad-drittijiet ta' persuni b' diżabilita' u anzjanita' attiva Dott. Justyne Caruana fir-rigward id-dar ta' l-anzjani.

## 7.5 *Storm Water Culverts*

**7.5.01** MS ta' dettalji dwar il-proġett bl-isem E2 Storms. Dan sabiex areas f' San Ġiljan bħal Spinola Bay, Triq Birkirkara Triq il-Kbira, Triq il-Baltiku, il-water culverts li hemm fi Triq Ġorġ Borg Olivier u l-water reservoir ta' Ta' Ġiorni, jitnaqqsu aktar mill-ilmijiet li jkun hemm matul ix-xita.

**7.5.02** Ser tintbagħat ittra lill-*Cleansing Service Department* sabiex jibda jsir it-tindif tal-Culverts fil-Lokalita' qabel l-ewwel xita.

**7.6 Proġett *Supermarket* ta' Triq Scicluna**

**7.6.01** Iċ-Ċermen qed jitlob li ssir *public consultation* mal-Perit ta' dan il-proġett kif ukoll mal-Kunsill Lokali ta' Ta' Sliema, fir-rigward dan il-proġett fejn ikunu preżenti r-residenti fejn tiġi diskussa din il-materja.

7.7 **Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

**7.7.01** Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

**7.7.02** Il-Kunsillier AB ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

**7.7.03** Il-Viċi Sindku GD ssekondah.

**7.7.04** Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

**7.8.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3788 sa' Nru 3820 (Ara Appendiċi 'C').

**7.8.02** Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

**7.9 Affarijiet oħra meqjusa urġenti u Aġġornament**

**7.9.01** Ġie deċiż li fir-rigward it-Tender tal-Ġbir ta' Skart tal-Borża l-Griża jintagħżel il-Green MT. Iżda waħda mill-kundizzjonijiet li għandu jkun hemm hija li l-ammont

pendent li għad ghandu mal-Kunsill jibda jinqata bi *standing order* kull xahar.

**7.9.02** Ġie deċiż li kull meta jinħareġ permess għall-kull tip ta' makkinarju għandu jitniżżel fil-kundizzjonijiet li l-kuntrattur għandu jagħmel *plastic* taħt il-makkinarju sabiex meta jsiru x-xogħolijiet ma jsirux ħsarat kemm fit-triq kif ukoll fil-bankina. Filwaqt li t-tindif ta' bajla m' għandhomx jsiru fit-triq. Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li għandu jibda jinżamm depożitu ta' €200 għal kull applikant li jkun qed jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni f' San Ġiljan, dan id-depożitu jerġa jingħata lura wara li x-xogħolijiet ikunu saru u tkun saret spezzjoni min-naħa tal-Kunsill.

**7.9.03** Ġie deċiż unanimament li kull meta jsiru l-*purchase request sheets*, għandhom ukoll jinghataw l-pending *purchase request sheets* li diġa' ġew approvati fil-laqgħat ta' qabel iżda li jkunu għadhom ma sarux min-naħa tal-kuntratturi.

**7.9.04** Ġie deċiż li fir-rigward it-Tender tas-Servizz ta' l-accountans, jintagħażel is-Sur Daniel Galea.

**7.9.05** Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar l-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015 ser jagħlqu t-tenders ta' l-Ġbir ta' l-Iskart. Għaldaqstant il-kuntratt preżenti ser jiġi estiż sal- 15 ta' Ottubru 2015

**7.9.06** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 30 ta' Settembru 2015 fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Karl Gouder** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |